MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 692/2004/1

**Richard Cachia Caruana**

**vs**

**Dr. Angelo Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta’ Novembru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat:
>
> (1) prevja d-dikjarazzjoni illi l-artikolu “Stand up for your RIGHTS, you Maltese Citizens”, u

principalment il-partijiet indikati f'Dok A, ippubblikat f'pagna 7 tan-'Newsletter mill-Hbieb ta' l-Avukat Anglu Farrugia, f'Ottubru 2004, ta' liema artikolu l-konvenut l-awtur, huwa libelluz, joffendi l-unur u l-fama ta' l-attur u jesponih ghad-disprezz tal-pubbliku;
(2) ihallas lill-attur dik is-somma li ma teccedix Lm5000 u li tigi stabbilita minn din il-Qorti a tenur tal-Art. 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument markat "A" a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 15 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok l-istorja mertu tal-kawza odjerna ma' hijiex malafamanti, jew libelluza u lanqas ma' tesponi lill-attur ghad-disprezz tal-pubbliku jew b'xi mod toffendi l-unur u l-fama tieghu. Illi di piu dan jinghad ghaliex l-istorja partikolari fil-fatt ma' hija storja xejn u tikkonsistu f'sett ta' mistoqsijiet interposti lill-attur.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju l-eccipjenti jissottometti l-verita tal-fatti u se mai dak li inghad jikkostitwixxi a "fair comment" kif ser jigi pruvat.
3. Salv eccezzonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali dak verbalizzat a fol 20 ibid dwar it-tieni eccezzjoni sottomessa mill-konvenut.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni u rat is-sentenza esebita mill-konvenut (fol 45 et seq ibid) u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur (fol 52 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi, waqt it-trattazzjoni orali, l-abili difensur tal-konvenut issolleva ghall-ewwel darba punt li ma giex sollevat minnu fin-nota tal-eccezzjonijiet sottomessa minnu cjoe n-nuqqas ta' pubblicita tan-'Newsletter' imsemmija fl-avviz b'mod specjali tal-artikolu li minnu qed jilmenta l-attur. Dwar l-istess punt, l-attur issottometta illi din il-Qorti ma tistax tikkunsidrah minhabba dak specifikat fl-artikolu 728 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan premess, il-Qorti thoss, pero', li dan ghandu xorta wahda jigi konsiderat minhabba li l-element ta' pubblicita hu wiehed mill-punti kardinali li jifforma wiehed mis-sisien ta' azzjoni ta' malafama.

Illi dwar l-element ta' publicita, l-artikolu 28, abbinat mal-artikolu 3 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid illi, f'kazijiet bhal dawk in esami li jinvolvi libell difamatorju bil-mezzi indikati fl-artikolu 3 imsemmi, dan jsir bil-mezzi ta' pubblikazzjoni jew distribuzzjoni ta' materja stampata jew permezz ta' xandira. Dan jimplika illi ghandu jissusisti l-element ta' pubblicita fis-sens illi l-istess materja stampata trid tigi reza disponibbli ghal pubbliku in generali jew sezzjoni partikolari ta' dan. Fil-kaz in desamina trattasi ta' 'newsletter' li tinsab esebita a fol 2 tal-atti u li hemm referenza ghaliha bhala formanti parti mill-ewwel (1) volum ("Vol 1") u bhala l-'Harga nu (numru ) 2' tal-'Harifa 2004', maghmula mill-hbieb ta' l-Avukat Anglu Farrugia. Dwar it-titolu tal-artikolu in esami, dan hu intestat "stand up to your rights, you Maltese Citizens" segwit minn isem il-konvenut.

Illi, sakemm gew prodotti l-provi kollha u kienet qed issir it-trattazzjoni dan il-punt, ma kienx gie imqajjem jew b'xi mod sollevat mill-konvenut, kif di gja nghad. Ghalhekk il-Qorti trid, bil-fors, tikkonkludi illi sa dan l-istadju tal-proceduri, il-konvenut ma kienx qed jikkontesta illi,

effettivament, in-“newsletter” in esami kienet giet pubblikata u distribwita u reza disponibbli lill-pubbliku. Anzi kien gie accettat mill-konvenut, b’mod tacitu izda evidenti, illi tali pubblikazzjoni kienet saret.

Illi ghalhekk dan il-punt, kif sollevat, ma jistax jigi konsiderat fid-dawl u fl-isfond ta’dak premess.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mix-xhieda tal-attur (fol 21 et seq ibid u fol 31 et seq ibid) hu qed joggezzjona ghal dak enumerat 1), 3), 7) u 13) fl-istess ‘newsletter’, kif ukoll ghal dak ‘Highlighted’ u markat b’inka roza, (ara fol 2 tal-atti) u dwar dak allegat fil-konfront tieghu l-attur jsostni illi hu:-

a) qatt ma kiser xi regolament finanzjarju;
b) qatt ma xtara xi proprjeta gewwa Brussel izda kien il-Gvern Malti li ghamel dan. Dwar dan l-attur kompla jghid illi hu, bl-ebda mod, ma kien ghazel li jintefqu Lm9,000,000 f’din il-belt barranija sabiex u jifforma “Business Trade Centre” jew ghar-ragunijiet personali;
c) qatt ma kellu x’jaqsam mal-ex Senatur Bush.

Illi hu oggezzjona, ukoll, ghar-referenzi li saru fil-konfront tieghu, dwar il-konnessjoni allegata tal-attur mal-Isptar “Mater Dei” jew fil-kwistjoni ta’ Fort Chambray f’Ghawdex, b’din tal-ahhar b’allegazzjonijiet, fil-konfront tal-attur ta’ rabta mal-mazunerija.

Illi, ma kienx minnu illi l-attur juza xi forma ta’ preferenza, permezz tal-posizzjoni tieghu li kien jkopri sabiex xi hadd jigi preferit f’materja ta’ ‘tenders’ mahrugin mill-Gvern Malti.

Illi, fil-kontroesami tieghu, l-attur sahaq illi hu ma kienx inovlut fid-decisjoni dwar ix-xiri, mill-Gvern Malti, ta’ proprjeta’ immobbli f’Brussel u lanqas ma

kien ta’ xi ordni dwar dan ix-xiri lil xi hadd jew li kien involut fl-ghazla tal-konsulent legali jew mad-ditta ta’ ‘accountants’ involuti f’din ix-xirja. Dwar xi laqgha mal-ex Senatur Amerikan Bush, ix-xhud spjega, li dan, hu l-President Amerikan ta’ dak iz-zmien, kien gie f’Malta wara stedina sabiex dan jippartecipa fic-celebrazzjoni tal-hamsa u ghoxrin anniversarju tal-Indipendenza ta’ Malta u l-attur kien fil-fatt, iltaqa mieghu f’dan il-kontest, bhala kortesija u mhux in konnessjoni ma xi attivita kummercjali li dan l-ex-Senatur kienx o meno involut fiha, fl-industrija tat-telekomunikazzjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, kif jidher a fol 43 ibid, esebixxa l-minuti tad-diskussjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici dwar ix-xiri u r-‘refurbishment’ ta’ Dar Malta fi Brussel. Minn esami tal-istess minuti kontenuti fi tlett (3) volumi ma rrisulta xejn dwar dak allegat mill-konvenut fil-konfront tal-attur fir-rwol li dan kellu fl-istess akkwist.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi, l-ewwel ser issir referenza ghal dak, effetivament, eccepit mill-konvenut.

a) Fl-ewwel eccezzjonijiet jinghad illi “… l-istorja partikolari …ma hija storja xejn u tikkonsisti f’sett ta’ mistoqsijiet interposti lill-attur”. Fil-fatt dan hu minnu “in parte”. Pero, din il-Qorti tara illi dawn il-‘mistoqsijiet huma retronici u li filfatt l-istess domandi jikkontjenu r-risposti skond is-sinifikat li tinghata lil domanda retronika. Ghalhekk meta ntuzat din il-forma, trid tigi konsiderata mhix bhala mistoqsija izda bhala forma aktar ricerkata u sabiex tigi trasmessa allegazzjoni fil-konfront ta’ terzi.

b) L-ewwel eccezzjoni tghid ukoll illi dak li hu allegat fl-istess ‘newsletter’ ma hix malfamanti jew

libelluz. Pero, jidher ovvju u car illi dak li gie allegat fil-konfront tal-attur kien intiz sabiex jattakka d-dritt li dan ghandu ghar-reputazzjoni tieghu.

Hawnhekk jkun opportun li ssir referenza ghall-artikolu 12 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijet ta' Malta li jirregola il-"verita tal-fatti" li tista' issir f'kaz ta' ufficjal publiku, bhal fil-kaz tal-attur odjern, u f'kaz li l-konvenut, fl-istadju bikri tal-proceduri jiddikjara li qed jassumi r-responsabilita vis-à-vis il-libell allegat u jiddikjara li jixtieq jipprova tali verita in rigward dak li hu allega jew attribwixxa lill-attur. Kif jidher mill-eccezzjonijiet in esami, l-konvenut ma ghamel ebda dikjarazzjoni jew assuma xi responsabilita bhala tali vis-s-vis dak li allega fil-konfront tal-attur in vista tal-fatt illi effettivament eccepixxa ukoll li, f'dan il-kaz ma hemmx malafama jew libell.

Ikkunsidrat

Illi, xorta wahda, minn esami tal-istess 'newsletter', wiehed jista u ghandu jara illi hi tikkonsisti f'serje ta' allegazzjonijiet fil-konfront tal-attur u li huma, altament malfamanti u libelluzi fil-konfront tal-istess attur.

Illi, inoltre, ma ingiebet ebda prova sabiex, <u>sostanzjalment</u>, jigi pruvat li dak allegat mill-konvenut, jirrispekkja b'xi mod, il-verita.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, bl-ebda mod ma jista' jinghad illi l-istess "newsletter" tikkostitwixxi xi forma ta' "fair comment" f'dan il-kaz anke jekk trattasi ta' kaz ta' ufficjal pubbliku u b'hekk il-kritika li setghet saret ghandha tigi konsiderata minn lenti u perspettiva aktar ampja u tolleranti, kieku trattasi ta' kaz ta' cittadin privat.

Ikkunsidrat

Illi, minhabba dak kollu premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti waqt li l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur a bazi tal-artikolu 28 tal-istess ligi ghandu jigi likwidat fis-somma ta' €1,000.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' it-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz in esami u :-

(1) tiddikjara illi l-artikolu in esami principalment, il-partijiet indikati fl-anness 'Dok A' huwa fil-konfront tal-attur libelluz, joffendi l-unur u l-fama tal-attur u jesponih ghad-disprezz tal-pubbliku.
(2) Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' €1,000 bl-imghax legali mid-data tallum stess sa dik tal-pagament effettiv u bl-ispejjes."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha fuq il-bazi ta' dawn l-aggravji:-

(1) Il-prova principali li kellu jaghmel l-attur kienet timporta *inter alia* illi l-istampat gie ppublikat u diffus;
(2) Gjaladarba l-attur hu persuna fil-politika huwa accettat illi l-kirtika ghandu jkollha latitudni ferm aktar wiesgha;
(3) F'kull kaz, id-danni likwidati huma esagerati;

Fuq l-ewwel motiv ta' aggravju jibda biex jigi osservat illi skond id-definizzjoni fl-Artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Istampa l-kelma "pubblikazzjoni" tfisser "kull att li bih kull stampat jigi jew jista' jigi kkomunikat jew imgharraf lil xi persuna jew li bil-kliem jew immagini vizwali jigu mxandra". Huwa indiskuss illi n-News Letter mertu tal-kawza ta' libell azzjonata mill-attur tidhol taht din id-definizzjoni u dik l-ohra relattiva ghall-kelma "stampat". Huwa wkoll indifferenti jekk din il-pubblikazzjoni tigix jew le cirkolata lil numru wiesgha jew ristrett ta' persuni ghax l-importanti hu li tigi jew tista' tigi komunikata lil "xi persuna";

Issa f'dan il-kaz ma jistax ma jigix notat illi l-konvenut appellant minn ebda eccezzjoni formali ma kkwerela illi l-istampat *de quo* ma giex hekk ippubblikat u trasmess lil terzi. Huwa, difatti, illimita ruhu biex jissolleva din il-kwestjoni fil-kors biss tad-dibattitu orali quddiem l-ewwel Qorti. Dan, s'intendi, ghamlu biex, ghall-ewwel darba, u mhux minn xi difiza jittanta jdahhal id-dubju illi l-attur naqas milli jipprova illi dik in-News Letter tqassmet lin-nies. Ankorke din kienet l-intenzjoni huwa difficli ghal din il-Qorti li taccetta l-proposizzjoni illi l-attur appellat naqas milli jiddizimpenja ruhu minn xi piz ta' prova fir-rigward, gjaladarba fil-kors tal-procediment din il-materja qatt ma kienet in kontestazzjoni tant li l-konvenut nizel fil-kamp tal-battalja gudizzjarja b'eccezzjonijiet li, implicitament, kienu jimportaw illi l-Qorti kellha ta' bilfors tassumi illi din in-News Letter kienet effettivament pubblikazzjoni fis-sens pjen tad-definizzjoni. F'kull kaz ghandu jinghad ukoll illi una volta kien l-konvenut innifsu li qajjem id-dubju fuq daqshekk il-prova li dik il-pubblikazzjoni ma tqassmetx kienet inkombenti fuqu u mhux fuq l-attur. Intant, hu ma xehedx u din il-prova ma ghamilhiex. Anzi, kif wisq sewwa irrilevat l-ewwel Qorti, kien gie accettat mill-istess skiet tieghu, kemm fil-bidu, kif ukoll waqt l-*iter* tal-kawza, illi tali pubblikazzjoni kienet effettivament saret. Minn din il-kondotta processwali ta' l-appellanti hu difficli li tigi estratta interpretazzjoni xort'ohra. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi skartat;

B'introduzzjoni ghat-tieni motiv ta' aggravju, jigi osservat illi, ormaj, hi gurisprudenza konsolidata sew fl-esteru kif ukoll f'pajjizna, illi hu koncess spazju ferm aktar wiesgha lill-kritika diretta fil-konfront ta' soggetti fil-politika. Ragonevolment, pero`, din l-istess gurisprudenza lanqas ma naqset milli tippuntwalizza illi dik l-istess kritika, anke jekk harxa jew pungenti, ghandha tkun korrelata ma' fatti li jkunu veri. Meta ma jkunx hekk u l-kritika tkun zviluppata fuq fatti mhux veritjieri ma jistax jinghad li dik il-kritika nzammet fil-parametri gusti u dak tar-rispett tal-verita tal-fatti. F'dan il-kuntest gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell,

wara ri-affermazzjoni tal-principju relattiv ghal latitudni tal-kritika u tal-margini ta' tolleranza konsentita, illi "dan kollu, pero`, bl-ebda mod ma jissarraf f'licenzja da parti ta' min jaghmel il-kritika li jaddebita fatti li ma jkunux sostanzjalment veri u korretti. Min ilissen diskors malafamanti kellu, biex jezimi ruhu minn kull responsabilita`, jkun f'posizzjoni li jipprova li tali malafama fil-forma ta' kumment kritiku kienet tirreferi ghal u tkun marbuta ma' fatti li jkunu sostanzjalment veri. Il-prova f'dan ir-rigward tal-verita tal-fatti ma setghatx tkun incerta jew approssimattiva ghax altrimenti ma tohloq xejn hlief innuendo u dubbju". ("**Lino Debono -vs- Saviour Balzan**", Appell, 27 ta' April, 2001);

Maghmula din l-introduzzjoni, ma jistax ma jigix osservat illi bhal f'dik is-sentenza appena citata, il-konvenut appellanti ghazel li jiddefendi ruhu bil-"*plea of justification*". Koncettwalment, kif insenjat, "b'din id-difiza l-konvenut ikun qed jassumi r-responsabilita` tal-malafama u jiddikjara li jrid jipprova l-verita` tal-fatti attribwiti minnu lill-parti offiza." Ara "**Dottor Henry Copperstone -vs- Publio Schembri**", Appell Kriminali, 5 ta' Novembru, 1960). Strettament, id-difiza tal-verita` tal-konvicju u dik l-ohra tal-*fair comment* mhix l-istess haga tant li, fuq it-taghlim ta' **Halsbury***,* inghad li d-distinzjoni bejniethom tigi newtralizzata jekk il-Qorti takkumula z-zewg koncetti flimkien. Ara "**Thomas Hedley *proprio et nomine* -vs- Emanuel Tabone**", Appell Kriminali, 30 ta' Mejju, 1953. Jikkonsegwi illi l-prova li htieglu primarjament jaghmel il-konvenut appellanti kienet dik tal-verita` tal-fatti imputati minnu lill-attur. Dan b'mod li jkun assikurat minnu "*that his pleas of justification is as broad as the libel i.e. that it covers every material part*" (**Gatley, "On Libel and Slander**", 7th Ed. para. 1039);

Ghall-ewwel Qorti huwa wisq car mill-korp tas-sentenza illi fuq il-prova attendibbli l-konvenut appellanti ma rnexxielux jipprova l-gustifikazzjoni ta' dik id-difiza tieghu bl-esebit tad-dokumenti rapprezentanti d-dikjarazzjonijiet minn varji persuni quddiem il-Kumitat Permanenti tal-Kamra dwar il-

Kontijiet Pubblici. Ma’ din il-fehma l-Qorti tikkonkordi in kwantu huwa ovvju illi l-allegazzjonijiet maghmula bil-pubblikazzjoni ma humiex sostenuti jew interament suffragati minn dawk id-dikjarazzjonijiet. Hekk, ad ezempju, ma giex ippruvat li l-attur kiser ir-Regolamenti Finanzjarji fl-akkwist tal-proprjeta` fil-Belgju jew li kien hu li xtara dik il-proprjeta` biex fiha hu jwaqqaf Business Trade Centre;

Jinzel minn dan illi la dik il-prova ma saretx, l-espressjonijiet ta’ kummenti mibnija fuq dawk il-fatti, mhux provati bhala veritiera, ma jistghux joghlew ghal livell ta’ kritika xierqa. Jikkonsegwi illi l-konvenut appellanti, skond l-istess volonta tal-ligi fl-Artikolu 12 (1) ta’ l-Att ikollu “jiehu r-responsabilita` kollha tal-malafama li taghha huwa akkuzat” ghax hu ma rnexxielux jinnewtralizza l-presunzjoni tal-ligi illi l-pubblikazzjoni hi falza. Ara “**Il-Pulizija -vs- John Scerri**”, Appell Kriminali, 16 ta’ Dicembru, 1946;

Ir-rizultat ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet hu, in konsegwenza, dak illi la l-fatti ma humiex veri l-kumment lanqas ma jista’ jitqies *fair*, u, allura, l-allegazzjonijiet u l-kummenti ma jistghux lanqas hlief jikkwalifikaw bhala libelluzi. Huwa ghal kollox inutili jekk dawk l-allegazzjonijiet sarux f’forma jew ohra ghaliex kif jirrimarka l-**Gatley *(Op. Cit.* pagna *103)*** *“it is immaterial whether the imputation is conveyed by words of assertion or suggestion, or by words used in a declarative or interrogative form ... The tendency and effect of the language, not its form, is the criterion. A defendant cannot defame and escape the consequences by any dexterity of style*”;

Jigi minn dan, b’rabta ma’ l-osservazzjoni aktar ‘il fuq esposta, illi “minkejja l-margini wiesgha u l-latitudni moghtija ghall-kritika, anke iebsa, fil-kuntest politiku jew ta’ materji ta’ interess pubbliku, anke n-nies fil-politika ghandhom id-dirtt li jittutelaw il-fama u r-reputazzjoni taghhom meta jigi affermat fil-konfront taghhom fatt inveritjier u li jkun malafamanti” (“**Onor. Dr. Gavin Gulia -**

**vs- Dione Borg *et***", Appell Superjuri, 7 ta' Lulju, 2006). Ghaldaqstant, in bazi ghall-premess it-tieni aggravju qed jitqies insostenibbli;

Kwantu ghat-tielet aggravju din il-Qorti ma ssibx, imbaghad, li tezisti raguni biex tvarja l-ammont tad-danni likwidati. Ibda biex, b'self mit-taghlim tal-**Gatley** (***Op. cit.* para. 1036**) "*a defendant should never place a plea of justification on the record unless he has clear and sufficient evidence of the truth of the imputation*" ghax, allura, "*failure to establish this defence at the trial may properly be taken in aggravation of damages*" (ara sentenza fl-ismijiet "**Associated Leisure -vs- Associated Newspapers**", [1970; 2 QB 450 at p. 456, per Lord Denning]. Fit-tieni lok, konsiderat l-ammont massimali prospettat mill-Artikolu 28 (1) tal-Kapitolu 248 ma jidherx li l-appellanti ghandu ghalfejn jilmenta mill-kwantum konservattiv prefiss mill-ewwel Qorti fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tirrespingi l-appell fit-tliet motivi ta' l-aggravji sottoposti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mill-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------